MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru 413/2013

Il-Pulizija

(Spettur Darren Buhagiar)
(Spettur Robert Said Sarreo)
vs
David Cucciardi

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 804954 (M)

Billi int akkuzat talli fit-13 ta’ Marzu, 2013 u fil-jiem ta’ qabel, fil-Fgura u/jew f’inhawi differenti f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ wahhal numri tar-registrazzjoni IBD-647 foloz, maghmulin mill-perspex li ntuzaw fuq vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber;

2. U talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe’ ghamel uzu minn numri ta’ registrazzjoni IBD-647 foloz, maghmulin mill-perspex li ntuzaw fuq vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber;

3. U talli sabiex jikseb xi beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz, u cioe wahhal numri tar-registrazzjoni IBD-647 foloz, maghmulin mill-perspex li ntuzaw fuq vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber;

4. U talli kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabbiltà tiegh xi vettura bil-mutur li ma tkunx giet irregistrata ma’ l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta’ registrazzjoni applikabbli ma

tkunx thallset, u cioe kellu fil-pussess tieghu vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber li ma kinitx irregistrata ma’ Transport Malta;

5. U talli uza jew ġiegħl jew halla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, u cioe uza vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;

6. U talli uza vettura bil-mutur fuq it-triq minghajr licenza ta’ cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorità, u cioe uzajt vettura tat-tip Scooter u tal-marka Vee Rubber minghajr licenzja ta’ cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorità.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi, f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu, ssibu hati tal-akkuz migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikoli 183, 184, 188, 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 2A(1)(2) u 21 tal-Kap 368, Regolament 32(5) u 44 tal-Ligi Sussidjarja 268.02 u l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104

Tikkundannah mult ata' 2300 Euro fuq l-akkuzi 4, 5 u 6.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 mill-bqija.

Il-Qorti spjegat lill-imputt ir-responsabbiltajiet tieghu skont is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------